MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1046/2005

**Maltacom plc C22334**

**vs**

**Uwa Ogbodo ID 19897A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta Mejju tas-sena 2005 fejn gie mitlub sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta mitejn u tlett liri u tnax il-centezmu (Lm203.12) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma servizz telefoniku li jgib in-numru 21584283 (CN1056621 a/c 10210674) liema servizz kien gie nstallat fil-fond Flat 3 Highland Court St. Paul’s Street, St. Paul’s Bay, prospett ta’ liema kien qed jigi anness ma dan l-Avviz markat Dok A u Dok B oltre l-kuntratt relattiv Dok C liema hlas ma sarx nonostante diversi nterpellanzi.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment skond il-ligi il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-30 ta Settembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma rikjesta ta' mitejn u tlett liri u tnax il-centezmu (Lm203.12) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjes kollha ta dina l-istanza kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------